MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2014

Numru. 66/2014

**Il-Pulizija**
**(Spettur Robert Said Sarreo)**

**vs**

**JOHN CARMEL BALDACCHINO**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom John Carmel Baldacchino ta' 47 sena, iben il-mejjet Carmelo u Josephine nee' Casha, imwieled Pieta' nhar is-6 ta' Gunju 1966, residenti gewwa 209, Triq Il-Vitorja, Isla u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 247766M.

Gie akkuzat talli,

1. Nhar il-15 ta' Jannar 2014 ghal habta tas-6:30pm, gewwa 8, Blokk 4, Bini tal-Gvern, Triq il-Vitorja, Isla,

volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsarat huma ta' aktar minn 116.47 Euros (hamsin Lira Maltija) izda anqas minn 1164.69 Euros (hames mitt Lira Maltija), ghad-detriment ta' martu Christine Baldacchino u/jew persuni ohra, u dan bi ksur ta' l-artikolu 325(b) tal-Kap 9, tal-Ligijiet ta' Malta,

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, insulenta u/jew hedded lil martu Christine Baldacchino u/jew persuni ohra, bi kliem u/jew gesti u dan bi ksur ta' l-artikolu 399 E tal-Kap tal-Ligijiet ta' Malta,

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bl-imgieba tieghu ikkaguna biza lil martu Christine Baldacchino u/jew persuni ohra, li ser tintuza xi vjolenza kontriha, jew kontra il-propjeta taghha jew kontra il-persuna jew il-propjeta ta' xi hadd mill-axxendenti jew dixxendenti, ahwa subien jew bniet, jew familjari ohra, u dan bi ksur ta' l-artikolu 251 B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

4. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bi hsara tas-sid jew detentur, ghamel vjolazzjoni ohra kontra il-propjeta ta' Christine Baldacchino u/jew persuni ohra, liema vjolazzjoni mhux imsemmija fil-paragrafu ta' qabel dan l-artikolu u l-anqas band'ohra, u dan bi ksur ta' l-artikolu 340 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied, u dan bi ksur ta' l-artikolu 338 dd tal-Kap 9, tal-Ligijiet ta' Malta,

6. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi kiser il-provedimenti ta' sentenza sospiza moghtija fil-konfront tieghu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. A. Demicoli LL.D, datata 5 ta' Marzu 2013, saret definittiva u ma tistghax tinbidel,

7. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi sar recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' din il-persuna/i hawn fuq indikata.

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artikolu 412(C) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma kull piena li l'Qorti jidrilha xierqa

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzati ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali li jinsab esebit a fol. 6 tal-Process u nnutat li l-imputat John Carmel Baldacchino m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.
Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur u Dr. Carm Mifsud Bonnici ghall-imputat umilment issuggerrixxu li l-Qorti taghti l-ahhar opportunita' lill-imputat sabiex jirriforma ruhu u dana billi fost il-provvedimenti li jidrilha li ghandha taghti, il-Qorti tpoggi lill-imputat taht Ordni ta' Probation sabiex ikun evitat li jsiru reati simili u inoltre talbu li rigward is-sitt (6) akkuza migjuba kontra l-imputat, il-Qorti testendi l-perjodu operattiv tas-Sentenza sospiza.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-imputat iddikjara li qieghed jobbliga ruhu li jattendi ghas-sessjonijiet ta' trattament ghand il-Psikjatra tieghu Dr. Jean Pierre Giorgio, presenti fl-Awla, u li jiehu regolarment il-medicini ordnati lilu mill-istess Psikjatra.

Rat l-artikoli 17, 325(b), 339(1)(e), 251B, 340(d), 338(dd), 28A, 28B (2)(b), 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat John Carmel Baldacchino, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu, u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz dak dikjarat mill-Ufficjal Prosekutur u minn Dr. Carm Mifsud Bonnici ghall-imputat fil-Verbal tas-Seduta tallum kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza u dak dikjarat fil-Verbal tas-Seduta tallum mill-imputat li iddikjara li qieghed jobbliga ruhu li jattendi ghas-sessjonijiet ta' trattament ghand il-Psikjatra tieghu Dr. Jean Pierre Giorgio, presenti fl-Awla, u li jiehu regolarment il-medicini ordnati lilu mill-istess Psikjatra, tiddeciedi ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta li tpoggi lill-imputat John Carmel Baldacchino taht Ordni ta' Probation ghal perjodu ta' tlett (3) snin millum u dan bil-ghan li ma jkunx hemm ripetizzjoni ta' reati simili u inoltre tikkundanna lill-istess imputat John Carmel Baldacchino ghall-piena ta' mitejn Euro (Euro 200) multa.

Inkwantu ghas-sitt (6) akkuza migjuba kontra l-imputat li tirrigwarda kommisjoni ta' reat iehor fi zmien operattiv ta' Sentenza sospiza, wara li rat dak verbalizzat fis-Seduta tallum mill-Ufficjal Prosekutur u Dr. Carm Mifsud Bonnici ghall-imputat in rigward, kif riportat aktar qabel f'din is-

Sentenza, il-Qorti, a tenur tal-artikolu 28B (2)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, testendi t-terminu ta' tmintax (18)-il xahar prigunerija sospiza ghall-sentejn (2) snin ghall-perjodu ulterjuri ta' sentejn (2) millum rigward is-Sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) per Magistrat Dr. Audrey Demicoli LL.D fil-5 ta' Marzu, 2013 fil-konfront tal-imputat John Carmel Baldacchino.

Il-Qorti tordna li d-Digriet anness ma' din is-Sentenza dwar il-kundizzjonijiet tal-Probation Order jifforma parti integrali minn din is-Sentenza.

Il-Qorti tordna n-notifika ta' kopja ta' din is-Sentenza u tad-Digriet anness ma' din is-Sentenza lid-Direttur tal-Probation Services sabiex dan jassenja Ufficjal tal-Probation lill-imputat John Carmel Baldacchino.

L-Ufficjal tal-Probation assenjat ghandu jirrapporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-imsemmi John Carmel Baldacchino kull sitt (6) xhur.

Il-Qorti tat lill-imputat John Carmel Baldacchino l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 7(7) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-imputat John Carmel Baldacchino b'obbligazzjoni personali ta' elf Ewro (Ewro 1000) li jzomm il-kwiet ma' Christine Baldacchino ghal zmien sena millum.

Finalment il-Qorti tordna li kopja ta' din is-Sentenza tigi notifikata lir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali (Malta).

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------